MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 118/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**VS**

**ROMINA DELIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Romina Delia, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 218075 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar il-15 ta` Novembru 2011 u fix-xhur ta` qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Bhala l-persuna li zammiet jew qablet li zzomm xi animal gieghelet lill-istess animal, qattus/a, issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u talli abbandunati fit-triq;

2. Kif ukoll talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zammiet annimal jew qablet li zzomm annimal (qattus/a) ghandha u ma kinetx responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu.

Il-Qorti wara li rat u ezaminat id-dokumenti esibiti peress illi l-imputazzjonijiet jirrizultaw u dan mill-provi prodotti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 8 (2) u l-Artikolu 8 (3), Taqsima 1 v, tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta` Malta dwar il-Harsien tal-Annimali;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

Il-Qortni timmulta lill-imputata, Romina Delia, is-somma ta` hames mitt ewro (€500) u li trid tithallas fi zmien tlett (3) xhur millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D.,**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------